MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2006

Numru. 528/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**Daniel Lanzon**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Daniel Lanzon** ta' 20 sena, bin Alexander u Carmen *nee'* Cefai imwieled Pieta' fit-30 ta' Setembru, 1985, residenti Block 16 E, Flat 1, Triq il-Gendus,Bormla, u detentur tal-karta tal-identita numru 567485(M);

Talli fl-10 ta' Mejju, 2006. fil-perjodu ta' bejn is-sebgha neqsin kwart u l-ghaxra neqsin kwart ta' filghodu, fi Triq San Gwann il-Belt Valletta kkommetta serq ta' flus kontanti u oggetti ohra minn gol-Katidral ta' San Gwann, liema serq huwa kwalifikat bil-lok, bil-valur li jiskorri l-mitt Lira Maltin u ma jaccediex l-elf Lira Maltin (Lm1,000) u bil-mezz u li sehh ghad-dannu tal-amminstraturi ta' l-istess post.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat u wara li rat l-atti tal-kawza ssib lill-imputat hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 261 (b), (c) u (e), 263, 267, 278 sa 280 tal-Kap 9;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat fejn jirrizulta illi gimgha biss wara li skonta piena ta' prigunerija ta' sentejn ghazel li jikkommetti din is-serqa u ghalhekk l-imputat jehtieg jifhem illi b'hekk huwa tilef kull opportunita li jinghata l-beneficcju tal-probation jew sentenza sospiza izda din il-Qorti xorta qed tiehu kont tal-ammissjoni bikrija tal-imputat u tal-fatt illi huwa irritorna parti mir-rifurtiva. Ghalhekk qed tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' sitt xhur (6) mil-lum.

Peress illi l-prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-avukat generali sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja, tordna li dawn l-atti jintbaghtu lill-avukat generali fi zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------